MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru 46/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Simon Linton Sancto**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 46 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Simon Linton Sancto, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-seba (7) ta' Dicembru tas sena elfejn u hamsa (2005) u matul is-sentejn qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda Simon Linton Sancto assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta, fosthom certu Bjorn Formosa, wiehed maghruf bhala Andrew, wiehed maghruf bhala James u iehor maghruf bhala Ramon sabiex jixtri, ibiegh jew jitraffika medicina psikotropika u droga ohra f'Malta, a skapitu tas-socjeta Maltija u dan il-ftehim sar b'intenzjoni li jaghmel

profitt minn din it-transazzjoni, fosthom l-*ecstasy*, kontra d- disposizjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ili l-imsemmija Simon Linton Sancto ippromwova, ikkostitwixxa, organizza w iffinanzja din l-assocjazzjoni billi kien gie miftiehem li ccempel lil Bjorn Formosa biex isaqsih jekk irridx jixtri d-droga *ecstacy* minn ghandu w drabi Bjorn Formosa kien icempillu ghal l-istess skop u kien jiftiehem ma Bjorn Formosa biex jiltaqghu w fil-fatt jixtri minn ghand Simon Linton Sancto kif kien gara attwalment u kien jifthiem ma wiehed maghruf bhala Andrew, iehor maghruf bhala Ramon u iehor maghruf bhala James sabiex jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza u jiffinanzja din l-assocjazzjoni.

Illi wara t-tmienja ta’ filghaxija ta’ nhar is-seba (7) ta’ Dicembru tas- sena elfejn u hamsa (2005), il-Pulizija irrnexielha tisfratta din l- assocjazzjoni bejn l-imsemmija Simon Linton Sancto w ohrajn, billi wettqet tfittxija fil-karozza Mitsubishi Pajero ta’ Simon Linton Sancto bin-numru tar-registrazzjoni BAG-242 li kien qieghed issuq meta gie intercettat mill-pulizija hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema. Di fatti, mill-imsemmija tfittxija nstabu zewg boroz tal-plastik mimlija b’elf, disgha mija, erba’ w hamsin (1,954) pillola *ecstasy* taht is-seat tax- xufier tal-karozza.

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli, b’diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b’rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu

Maghha, jew ippromova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l- 20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f'delitt, talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f'Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A,120A(1)(f)(1A)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att t'Akkuza, Simon Linton Sancto kellu fil-pussess tieghu w biegh lill terzi, d-droga MDMA *ecstasy*. Illi in segwitu ta' dan fis-seba (7) ta' Dicembru tas sena

elfejn u hamsa (2005) Simon Linton Sancto kien gie intercettat mill-pulizija b'elf disgha mija, erba' u hamsin (1,954) pillola *ecstasy* taht is-seat tax-xuffier tal-karozza Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni BAG-242 li kien qieghed issuq kif ukoll anke b'senter u skratac meta kien gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' St. Elizabeth Convent School, Triq Manwel Dimech, Sliema.

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis- Suprintendent tas-Sahha Pubblika; b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz- zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z- zghazagh.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l- 20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f'delitt, talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika; b'dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz- zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z- zghazagh;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli 18, 49, 50, 23 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fis-seba (7) ta' Dicembru tas sena elfejn u hamsa (2005) u fis-sentejn ta' qabel wara li Simon Linton Sancto kien assocja ruhu b'intenzjoni li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza w jiffinanzja din l-assocjazzjoni kien gie intercettat mill-pulizija bi kwantita ferm kbira ta' pilloli *ecstacy* li jammontaw ghal elf, disgha mija, erba' u hamsin (1,954) pillola *ecstacy* taht is-seat tax-xufier tal-karozza Mitsubishi Pajero bin-numru tar- registrazzjoni BAG-242 li kienu intizi biex jigu ttrafikati w mhux ghall uzu esklussiv tieghu.

Il-post fejn l-akkuzat gie mwaqqaf mill-Pulizija kien gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' St. Elizabeth Convent School, Triq Manwel Dimech, Sliema.

Id-droga MDMA (*ecstasy*) hija medicina ristretta msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini w fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w

maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis- Suprintendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l- 20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f'delitt, talli, b'diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b'rizoluzzjoni wahda, importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh, uza, jew kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis- Suprintendent tas-Sahha Pubblika; u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu; b'dan ukoll li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar- Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviz Legali 22 ta' l-1985) u fl-artikoli

18, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiz-zmien u taht i-cirkostanzi indikati fl-ewwel tlett Kapi ta' l-Att tal-Akkuza u cioe fis-seba (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u fis-sentejn ta' qabel, Simon Linton Sancto kellu fil-pusses tieghu illegalment r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellu bhala bazi din ir-raza.

Illi fil-fatt l-istess Simon Linton Sancto stess ammeta ghall-pulizija li kien juza r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli kellu fil- pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil- pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l- 20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv

f'delitt, talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira (LM200) izda mhux izjed minn ghaxart elef lira (LM10,000), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r- regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi nhar is-seba (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), wara t-tmienja ta' filghaxija, Simon Linton Sancto, fit-toroq pubblici ta' tas-Sliema, u specjalment fl-inhawi hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, wegga w irifjuta li jobdi ordnijiet legittimi minn ufficjali tal-pulizija w b'konsegwenza WPC 12 Grech kellha tkisser il-hgiega tal-karozza li minnha irrifjuta li johrog Simon Linton Sancto w b'konsegwenza ta' dan soffriet xi griehi. Illi hu wkoll wegga lil PC 599 Mangion f'daru meta Simon Linton Sancto bil-karozza bin-numru tar-registrazzjoni BAG-242 li kien qieghed

issuq dahal darbtejn b’mod volontarju gol-karozza bin-numru tar-registrazzjoni GVN-493 li fiha kien hemm PC 599 Mangion.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto” ta’ l- 20 ta’ Jannar, 2005 u tas-27 ta’ Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f’delitt, talli ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 95(1)(3), 221(1), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi nhar is-seba (7) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), ghall-habta tat-tmienja ta’ filghaxija, Simon Lincton Sancto, fit-toroq pubblici ta’ tas-Sliema, u specjalment fl-inhawi ta’ hdejn l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, ghamel rezistenza lill persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku billi hebb u ggieled ma l-Ispettur Pierre Grech, PC599 Mangion u WPC 12

Grech waqt li kienu qieghdin jaqdu d-dmirijiet legittimi taghhom bhala ufficjali pubblici.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l-20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta' diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f'delitt, talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 96(a), 49, 50 u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi nhar is- seba (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija, Simon Linton Sancto, fit-toroq pubblici ta' tas-Sliema, u specjalment fl-inhawi ta' l-Ghassa tal-Pulizija ta' Ta Sliema, volontarjament ghamel hsara bil-karozza li Simon Linton Sancto kien qieghed issuq bin-numru tar-registrazzjoni BAG-242 billi dahal fuq il- karozza bin-numru tar-registrazzjoni GVN-493 darbtejn ghad-dannu

tal-Gvern ta’ Malta u kkaguna hsara lil din l-istess karozza tal-Gvern ta’ Malta.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta’ liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira.

Illi b’sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto” ta’ l-20 ta’ Jannar, 2005 u tas-27 ta’ Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f’delitt, talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, l-ammont ta’ liema hsara ma jiskorrix hames mitt lira, imma hu izjed minn hamsin lira;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa tmintax-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmien Kap illi nhar is-seba (7) ta’ Dicembru elfejn u hamsa (2005), ghall-habta tat-tmienja ta’ filghaxija, Simon Linton Sancto, fit-toroq pubblici ta’ tas-Sliema, u specjalment fl-inhawi ta’ l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Ta Sliema, kellu fil- karozza taht is-seat ta’ quddiem li kien qieghed issuq, bin-numru tar- registrazzjoni BAG-242, arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Simon Linton Sancto sar hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu

f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jagħmel miegħu.

Illi b'sentenzi tal-Qorti tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Simon Linton Sancto" ta' l-20 ta' Jannar, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, l-akkuzat Simon Linton Sancto nstab ħati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Simon Linton Sancto, recidiv f'delitt, ħati talli, mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jagħmel miegħu;

Talab li jingħamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' prigunerija għal zmien ta' ħames xhur sa tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

9. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fid-Disa' Kap illi nhar is-seba (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija, Simon Linton Sancto, fit-toroq pubblici ta' tas-Sliema, w specjalment fl-inħawi ta' l-Għassa tal-Pulizija ta' Ta Sliema, Simon Linton Sancto ma obdix l-ordinijiet legittimi minn ufficjali pubblici meta gie ordnat biex joħrog mill-karozza bin-numru tar-registrazzjoni BAG-242 billi baqa gewwa l-karozza.

Illi b'għemilu l-imsemmi Simon Linton Sancto sar ħati talli ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi għab fix-xejn jew ħassar

dak li haddiehor kien ghamel skond il- ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Simon Linton Sancto talli ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l- awtorità jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' detenzjoni ghal mhux izjed minn xahrejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 338(ee) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-31 ta' Jannar, 2008, konsistenti f ' erbaghtax l-eccezzjoni preliminari.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-4 ta' Frar, 2008 li biha ta avviz tal-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta' provi li ghandu hsieb li jaghti fil-konfront tax-xihieda indikati minn-numri 2 sa 11 tal-akkuzat, billi ma jidhirx li huma rilevanti, inkluz id-dokumenti.

Bl-istess nota irrileva wkoll li l-allegazzjoni ta' genn ai termini tal-artikolu 620 (3) tal-Kap.9 trid issir b' rikors u li biha kkontesta tali allegazzjoni ta' genn.

Rat in-Nota tal-akkuzatipprezentata waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2008, li biha ddikjara li kien qed jirtira it-tieni, t-tielet, is-sitt, l-ghaxar u l-erbaghatax l-eccezzjoni preliminari tieghu.

Rat ir-rikors tal-akkuzat tad-9 ta' Gunju, 2008, li bih gab quddiem din il-Qorti l-allegazzjoni li fi zmien l-att kif ukoll

fil-prezent u cioe' waqt iz-zmien tal-kawza kien fi stat ta' genn a tenur tal-art. 620 tal-Kap. 9.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2008, li bih Dr. Nadine Sant, ghall-prosekuzzjoni, kkjarifikat l-eccezzjoni taghha fis-sens li x-xhieda li l-prosekuzzjoni kienet qed toggezzjona ghalihom setghu ikunu rilevanti fil-gurin biex jiddetermina l-istat mentali tal-akkuzat u rrizervat li tirregola ruha, jekk ikun hemm bzonn, fl-istadju tal-guri dwar il-mertu u ghalhekk ma kienetx qed tinsisti fuq l-eccezzjoni f' dak l-istadju.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju, 2008 li biha ddikjara li qed jikkontesta l-allegazzjoni ta' genn u li biha irrizerva d-dritt li joggezzjona dwar l-ammissibilita' ta' provi fil-konfront tax-xhieda minn-numru 2 san-numru 11 tal-akkuzat kif ukoll id-Dokumenti A u Dokument B, sakemm jigi determinat jekk l-akkuzat kienx fi stat ta' genn.

Rat id-Digriet Taghha tat-12 ta' Gunju, 2008, li bih innominat periti psikjartri biex jirrelataw dwar din l-allegazzjoni, w dan bi ftehim mal-partijiet, kif verbalizzat fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2008.

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-23 ta' Gunju, 2008, fir-rigward tal-eccezzjoni numru 7 u 11, cioe' li l-konfiska mitluba fit-tieni w t-tielet kapi rispettivament mhux kontemplata mill-ligi.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju, 2008, fejn insista ghall-konfiska bhala rizultat natura (Sic!) tal-kummissjoni tar-reat .

Rat ir-relazzjoni tal-periti psikjarti minnhom debitament mahlufa fl-udjenza tas-27 t' Ottubru, 2008.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-11 ta' Novembru, 2008, li biha rtira l-eccezzjonijiet tieghu bin-numru 11 u 12 [recte:12 u 13] li jirrigwardaw l-eccezzjoni tal-genn tal-akkuzat, ghar-ragunijiet indkati fl-istess nota.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi stante li uhud mill-eccezzjonijiet preliminari gew irtirati, din il-Qorti fadlilha tiddisponi biss mis-segwenti eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat u cioe' :-.

1. in-nullita' tal-ewwel kap tal-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub fih ma jikkostitwix, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt fl-istess kap.
4. in-nullita' tat-tieni kap tal-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat hemm dedott gie addebitat kontra l-akkuzat fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza
5. bla pregudizzju ghar-raba eccezzjoni, in-nullita' tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu li r-reat hemm dedott gie prospettat bhala kontinwat, liema addebitu mhux rifless fl-espozizzjoni tal-fatti.
7. Bla pregudizzju ghar-raba', l-hames u s-sitt eccezzjoni, l-konfiska mitluba fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hix kontemplata fil-ligi.
8. in-nullita' tat-tielet kap tal-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat hemm dedott gie addebitat kontra l-akkuzat fit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza.
9. Bla pregudizzju ghat-tmin eccezzjoni, n-nullita' tat-tielet kap in kwantu li r-reat hemm dedott gie prospettat bhala kontinwat, liema addebitu ma hux rifless fl-espozizzjoni tal-fatti.
11. bla pregudizzju ghat-tmin u d-disa' eccezzjoni, l-konfiska mitluba fit- tielet kap ma hix kontemplata fil-ligi,

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel ecezzjoni, din tidher manifestament infondata, ghax il-fatti kif esposti jistghu talvolta jwasslu wkoll ghall-dikjarazzjoni ta' htija tal-akkuza ta' assocjazzjoni, kif jidher evidenti mit-test tal-parti espozittiva jew narrattiva tal-istess Kap. Jekk dak allegat jirrizultax pruvat jew le waqt il-guri, sta ghall-gurati li jiddeciedu, wara li Qorti tispjegalhom x' inhuma l-elementi tar-reat ta' assocjazzjoni kif interpretat fil-gurisprudenza

tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi: **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Ellul"** [17.3.2005]**, "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib"** [15.1.2009] u ohrajn. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni mill-paragun u ezami komparattiv li ghamlet bejn it-tieni w t-tielet kapi tal-att ta' l-akkuza, jidher li fil-waqt li fit-tieni kap l-akkuza tidher li hija wahda ta' traffikar tal-pilloli ecstacy gewwa distanza ta' mitt metru mill-permetru ta' St. Elizabeth Convent School, fi Triq Manwel Dimech, Sliema, t-tielet kap jirrigwarda akkuza ta' pussess mhux awtorizzat tal-istess droga, liema pussess sar taht tali cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat entro l-istess perimetru tal-imsemmija skola..

Hu minnu li fit-tielet kap gew riprodotti brani inutili w irrilevanti (x' aktarx bil-'copy and paste' ) mill-parti narratuiva tat-tieni kap u dan hu maghmul b' mod li jista' facilment johloq konfuzjoni f' mohh il-gurati. B' dana kollu mhux korrett l-appellant meta jghid li t-tieni kap hu null ghax ir-reat hu addebitat fit-tielet kap. Dawn, se mai, huma kapi alternattivi w l-Qorti, fl-istadju opportun, tkun tista' tindirizza lill-gurati fis-sens li jekk ma tinstabx htija ta' traffikar taht it-tieni kap tkun tista' tinstab htija taht it-tielet kap ta' l-hekk imsejjah "pussess aggravat". F' kaz li tinstab htija taht iz-zewg kapi, hu ovvju li r-reat ta' pussess aggravat, ghall-fini ta' piena, ikun assorbit fir-reat addebitat fit-tieni kap, skond l-art. 17 (h) tal-Kodici Krminali.

Ghalhekk ir-raba' eccezzjoni tan-nullita' tat-tieni kap qed tigi respinta salv dak li ser jintqal u il-korrezzjonijiet li ser jigu ordnati fit-tielet kap.

Illi l-artikolu 597 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-Qorti Kriminali tista', sew *ex officio,* kemm ukoll fuq eccezzjoni tal-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-akkuza, basta li dan isir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le: izda ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat. Is-subartikolu (2) jiddisponi li tali ordni jista' jinghata wkoll fuq

talba tal-Avukat Generali kull meta jkun hemm zball jew difett fl-att ta' l-akkuza, ukoll meta, minhabba dan l-izball jew difett, l-akkuzat ikun ta l-eccezzjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza jew il-Qorti *ex officio* tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza, f' liema kaz l-akkuzat l-akkuzat jista' jitlob li l-kawza tigi mhollija ghall-gurnata ohra, sabiex ilesti d-difiza.

Inoltre l-artikolu 599 (1) jaghti s-setgha lil din il-Qorti li, f' kull waqt tal-kawza, sakemm il-guri ma jaghtix il-verdett tieghu, tordna li jigi korreggut kull zball li, mill-provi li jingiebu fil-kawza, jinsab li sar fl-att ta' l-akkuza dwar ic-cirkostanzi ta' zmien, post u persuna, meta, fejn u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-hwejjeg li fuqhom sar ir-reat. (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero', l-proviso tal-istess subartikolu jiddisponi li m'ghandu jittiehed ebda qies ta' ebda haga li, minnhabba dik il-korrezzjoni, taghmel izjed gravi r-reat, kemm il-darba dan l-aggravament ma jkunx migjub espressament fl-att ta' l-akkuza .

Inoltre, jekk din il-Qorti tara li tali korrezzjoni tista' taghmel hsara lill-akkuzat fid-difiza tieghu, tista' fuq talba tal-akkuzat, tholl il-guri w thalli l-kawza ghall-gurnata ohra, biex taghti zmien lill-akkuzat li jlesti d-difiza tieghu fuq l-att ta' l-akkuza hekk ikkorregut. (ara Appell Kriminali (Superjuri) **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb"** [22.4.2004] u ohrajn.)

Fid-dawl ta' dan din il-Qorti tara u tqies li hu opportun li biex ma jkunx hemm konfuzjoni bla bzonn, a tenur tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali taghti direttiva u tordna li jithassru l-kliem zejjed li hemm fit-tielet kap tal-att tal-akkuza kif gej :-

Fir-raba' w fis-sitt paragrafu tat-tielet kap tal-Att ta' l-akkuza jithassru il-kliem **"importa, immanifattura, esporta, xtara,biegh , uza, jew"**

Illi l-hames eccezzjoni tidher fondata biss in kwantu huwa minnu li mill-fatti esposti fil-parti espozittiva tat-tieni kap,

jissemma incident jew fatt uniku ta' traffikar u dan f' jum u post partikolari w ma jissemmewx pluralita' ta' fatti li jistghu jaghtu lok ghar-reat kontinwat kontemplat fl-art. 18 tal-Kodici Kriminali. Dan ukoll pero' ma jwassalx ghan-nullita' tal-imsemmi kap imma se mai biss biex minn dan il-kap tigi eliminata kull riferenza ghall-addebitu tar-reat kontinwat.

Konsegwentemnent fil-waqt li qed tigi michuda l-eccezzjoni tan-nullita' ta' dan it-tieni kap ghar-raguni imsemmija, a tenur tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali taghti direttiva w tordna li jithassru l-kliem u figura li hemm fit-tieni kap tal-att tal-akkuza kif gej :-

Fit-tielet u fil-hames paragrafu tat-tieni kap jithassru l-kliem : ***"b' diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b' rizoluzzjoni wahda,"***

Fil-hames paragrafu tithassar il-figura ***"18***" wara l-kelma "artikoli".

Illi s-seba' u l-hdax l-eccezzjoni huma fis-sens li l-konfiska mitluba kemm fit-tieni kif ukoll fit-tielet kapi rispettivament ma hix - jew ahjar ma kienetx - kontemplata fil-ligi meta gew kommessi l-allegati reati. Id-difiza tissottometti li l-konfiska giet introdotta biss bl-emenda li saret bl-Att XXXI ta' l-2007 li gie fis-sehh fil-15 ta' Jannar tas-sena 2008, permezz tal-Avviz Legali 10/2008 u cioe' wara li gew kommessi l-allegati reati. Il-Prosekuzzjoni rribattiet billi qalet semplicement li din hija biss interpretazzjoni tad-difiza.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 120A (2B) tal-Kap. 31, anki qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXI tas-sena 2007, kien jiddisponi li ghar-reati imsemmija fis-subartikolu (2A) ta' dak l-artikolu ghandhom japplikaw *inter alia* d-dispozizzjonijiet tal-art. 22(3A) Tal-Kap.101, li fis-sub inciz (d) jipprovdu ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli ohra w tal-proprjeta' immobbli kollha tal-persuna misjuba hatja. Pero' umbaghad is-subartikolu

(3A) imsemmi jiddisponi li dan japplika ghal reati li jkunu imsemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 24A tal-Kap.101. Issa l-art. 24A (1), qabel l-emendi imsemmija, kien jelenka fis-sub-paragrafi (a) sa (d) il-kazijiet tar-reati relattivi, li kienu jinkludu dawk ta' biegh jew traffikar ta' xi medicina, assocjazzjoni, eccetera, imma ma kienx jinkludi r-reat ta' pussess ta' medicina taht dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dar-reat gie biss inkluz bl-introduzzjoni tas-sub-paragrafu (e) bl-emendi recenti. Ghalhekk fil-waqt li l-hdax l-eccezzjoni hija fondata in kwantu ghar-reat taht it-tielet kap kien ghadha mhux kontemplata l-konfiska imsemmija, s-seba' eccezzjoni ma hix fondata ghax anki qabel-emendi recenti ghar-reat ta' biegh jew traffikar kontemplat fit-tieni kap tal-att tal-akkuza kienet diga kontemplata l-konfiska fl-art. 24A (1) (a) tal-Kap. 101.

Konsegwentement is-seba' eccezzjoni qed tigi michuda fil-waqt li l-hdax l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

Illi t-tmin eccezzjoni qed tigi michuda ghall-istess motivi esposti fic-cahda tar-raba' eccezzjoni, pero' kif gja intqal, il-Qorti biex ma jkunx hemm konfuzjoni bla bzonn, a tenur tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali taghti direttiva u tordna li jithassru l-kliem zejjed li hemm fit-tielet kap tal-att tal-akkuza kif gej :-

Fir-raba' w fis-sitt paragrafu tat-tielet kap tal-Att ta' l-akkuza jithassru il-kliem **"importa, immanifattura, esporta, xtara, biegh , uza, jew".**

Illi d-disgha eccezzjoni tan-nulitta' tat-tielet kap tal-att ta' l-akkuza qed tigi michuda ghall-istess ragunijiet moghtija meta giet michuda l-hames eccezzjoni, pero' din il-Qorti qed taghti direttiva w tordna a tenur tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali jithassru l-kliem u figura li hemm fit-tielet kap tal-att tal-akkuza kif gej :-

Fir-raba' w fis-sitt paragrafu tat-tielet kap jithassru l-kliem : ***"b' diversi atti, fi zminijiet differenti w maghmula b' rizoluzzjoni wahda,"***

Fis-sitt paragrafu tithassar il-figura ***"18"*** wara l-kelma "artikoli".

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet, is-sitt, l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax u l-erbaghtax l-eccezzjoni tal-akkuzat billi dawn gew kollha rtirati minnu.

Tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri f' dan l-istadju tal-avviz ta' eccezzjoni tal-inammissibilita' tax-xhieda bin-numri 2 sa 11 tal-akkuzat u tad-dokumenti A u B minnu esebiti w dan stante l-verbal tal-prosekuzzjoni tad-9 ta' Gunju, 2008.

Tichad l-ewwel, ir-raba, l-hames, is-sebgha, t-tmin, w d-disgha eccezjonijiet tal-akkuzat, b' dana pero' li, a tenur tal-artikoli 597 u 599 tal-Kodici Kriminali, taghti direttiva w tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fuq indikati fit-tieni w fit-tielet kapi tal-att ta' l-akkuza rispettivament.

Tilqa' l-eccezzjoni numru hdax tal-akkuzat u taghti direttiva w tordna li fis-sitt paragrafu tat-tielet kap tal-att ta' l-akkuza jigu kancellati l-kliem : ***"u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja".***

Finalment tordna li l-Att ta' l-Akkuza, kif issa korreggut, jerga' jigi notifikat lill-akkuzat skond il-ligi.

Il-kawza qed tigi ddifferita *“sine die”,* sakemm ikun maghruf l-ezitu ta’ xi appell eventwali w, f’kaz li ma jsirx appell jew wara li tali appell jigi deciz, sabiex tigi appuntata ghas-smiegh bil-gurati, skond meta jmissha t-turn taghha skond il-ligi.

Sadattant l-akkuzat ghandu jibqa’ fl-istess stat li jinsab fih sal-lum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------